MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 1694/1999/1

**David Cilia f`isem u ghan-nom ta` Mario Cilia assenti minn dawn il-Gzejjer**

***kontra***

**Hal Mann Limited**

**Il-Qorti :**

Rat ic-citazzjoni prezentata fit-22 ta` Lulju 1999 li taqra hekk –

*Peress illi l-attur Mario Cilia bejn Mejju u Lulju tal-1998, dahal fi ftehim mad-ditta konvenuta biex isir xoghol ta` irham u madum fil-flat proprjeta` tieghu numru 2, Porto*

*Palo, Bordino Street, San Pawl il-Bahar, u dan versu l-prezz pattwit ta` Lm10,701.56, li minnhom gia thallsu Lm 8,000 akkont ;*

*Peress illi d-ditta konvenuta kellha mhux biss tissupplixxi l-materjal izda kellha wkoll tqatta`, twahhal u tqieghed il-materjal f`postu ;*

*Peress illi l-ftehim sar fuq bazi ta` pjanta / design dettaljata li l-attur Mario Cilia ppresenta lis-socjeta` konvenuta ;*

*Peress illi rrizulta illi partijiet mill-madum kkonsenjat ma kienx tal-kwalita` pattwita, u x-xoghol ta` qtugh u tqieghed ma sarx skond l-arti u s-sengha, b`mod li r-rizultat finali ma jirrispekkjax il-ftehim u l-aspettativi tal-istess attur ;*

*Peress ukoll illi d-ditta konvenuta qed tippretendi li zzid il-prezz tax-xoghol ghax qed tallega li certu xoghol ma kienx stmat meta sar il-ftehim, allegazzjoni illi m`hiex sostenibbli peress li l-ftehim sar fuq pjanta / design dettaljata sottomessa lid-ditta konvenuta li kienet tkopri t-talbiet kollha tal-attur ;*

*Peress illi l-attur talab lid-ditta konvenuta biex taghmel tajjeb ghax-xoghol hazin u mhux skond l-arti u s-sengha li wettqet u biex tirregola t-talba ghall-hlas li ghamlet, izda fil-waqt li ammettiet li certu xoghol sar hazin, naqset li tofri rimedju attendibbli ;*

*Tghid, ghalhekk, is-socjeta` konvenuta ghaliex –*

*(1) M`ghandux jigi ddikjarat li parti mill-madum fuq imsemmi mwahhal fil-fond tal-attur ma kienx tal-kwalita`*

*pattwita, u li, f`kull kaz, l-appalt moghti lid-ditta konvenuta ma giex esegwit skond l-arti u s-sengha u hu difettuz ;*

*(2) M`ghandhiex, konsegwentement, tordna lis-socjeta` konvenuta sabiex tirrimedja ghad-difetti fil-kwalita` tal-materjal u ghax-xoghol mhux skond l-arti u s-sengha u dan fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa din il-Qorti, liema xoghol ghandu occorrendo jsir skond id-direzzjoni u taht is-sorveljanza ta` perit nominand ;*

*(3) Fin-nuqqas li s-socjeta` konvenuta tottempera ruhha mal-ordni tal-Qorti, m`ghandux l-istess attur ikun minn issa awtorizzat jaghmel ix-xoghol mehtieg hu, a spejjes tas-socjeta` konvenuta, liema xoghol isir ukoll skond id-direzzjoni u taht is-sorveljanza ta` perit nominand ;*

*(4) M`ghandhomx jigu likwidati d-danni li sofra l-attur b`rizultat tan-nuqqasijiet tas-socjeta` konvenuta ;*

*(5) M`ghandhiex is-socjeta` konvenuta tkun ikkundannata thallas lill-attur id-danni li jigu hekk likwidati, u dan bl-imghaxijiet legali mid-29 ta` Lulju, 1998, sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjes kontra s-socjeta` konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur nomine, il-lista tax-xhieda ndikati minnu u l-elenku tad-dokumenti esebiti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kumpannija konvenuta li kienet prezentata fil-<u>25 ta` Jannat 2000</u> li taqra hekk –

*1. Preliminarjament, il-karenza ta` gurisdizzjoni li din il-Qorti stante li l-attur kien obbliga ruhu li kull kwistjoni relattiva ghall-konsenja kellha tigi risolta permezz ta` arbitragg, a tenur tal-provvedimenti tal-artikolu 15 tal-Att II tal-1996 ;*

*2. Illi, fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan ghaliex is-socjeta` eccipjenti mxiet fedelment mal-obbligi kontrattwali taghha u forniet lill-attur nomine b`materjal skond kif huwa ordna minghandha, u ghaliex ix-xoghol ta` tqeghid kien skond is-sengha ;*

*3. Illi, ghall-kuntrarju, l-attur nomine huwa debitur tas-socjeta` eccipjenti u, ghal dan il-ghan, qeghda tressaq l-opportuna kontro-talba ghall-hlas ta` dak li huwa dovut lilha da parti tal-istess attur nomine ;*

*4. Salvi eccezzjonijiet ohrajn.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-kumpannija konvenuta u l-lista tax-xhieda taghha.

Rat il-kontrotalba tal-kumpannija konvenuta li taqra hekk -

*Peress li s-socjeta` esponenti bieghet u kkonsenjat lill-attur nomine diversi konsenji ta` rham u madum tat-tip minnu maghzul, u dan skond ftehim maghmulin mieghu, sabiex jitqeghdu f`fond f`San Pawl il-Bahar, u kif ukoll ftehmet mieghu sabiex tqieghed l-istess materjal fornit u lilu mibjugh ;*

*Peress li l-prezz ta` tali materjal u xoghol ta` tqeghid, konsenjati u esegwiti bejn Mejju u Ottubru tal-1998, jammonta b`kollox ghal Lm12,921.98, li minnhom l-attur nomine rikonvenzjonat hallas biss is-somma ta` Lm8,000, kif jidher mill-prospett hawn mehmuz (Dok. "A") ;*

*Peress li l-attur nomine rikonvenzjonat naqas li jhallas il-bilanc ta` Lm4,921.98 minnu dovut lilha, ghalkemm interpellat ufficjalment ;*

*Jghid l-attur nomine ghaliex, ghar-ragunijiet imsemmija, m`ghandhiex din il-Qorti :*

*1. tikkundannah, fil-kwalita` tieghu premessa, li jhallas lis-socjeta` Hal Mann Limited is-somma ta` Lm4,921.98, rappresentanti l-bilanc ta` l- prezz ta` materjal u xoghol lilu mibjugh, konsenjat u fornit, kif fuq inghad ;*

*2. tikkundannah ukoll ihallas l-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta` Jannar, 2000, u l-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-konsenja sal-jum tal-hlas effettiv, filwaqt li l-istess attur nomine jinsab minn issa ngunt ghas-subizzjoni ;*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-kumpannija konvenuta rikonvenzjonanti, il-lista tax-xhieda taghha u l-elenku tad-dokumenti esebiti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur nomine ghall-kontrotalba tal-kumpannija konvenuta prezentata fl-4 ta` Frar 2000 u li taqra hekk -

*1. Illi preliminarjament, il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta hija preskritta a tenur tal-artikolu 2148(a) u (b) tal-Kodici Civili ;*

*2. Illi, fil-meritu, t-talba tas-socjeta` konvenuta hija mhux biss intempestiva, izda hi wkoll infondata peress li l-materjal konsenjat ma kienx tal-kwalita` pattwita, u x-xoghol ta` qtuh u tqeghid ma sarx skond l-arti u s-sengha b`mod li r-rizultat finali ma jirrispekkjax il-ftehim u l-aspettativi tal-istess attur ;*

*Salv, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ohra.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur nomine rikonvenzjonat, il-lista tax-xhieda tieghu u l-elenku tad-dokumenti esebiti.

Rat is-sentenza in parte moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-13 ta’ Ottubru 2000 (fol 31 sa 37) fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, cahdet l-eccezzjoni preliminari tal-kumpannija konvenuta dwar karenza ta` gurisdizzjoni.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tal-20 ta’ Novembru 2000 (fol 38) fejn kien mahtur Vincent Ciliberti bhala perit tekniku biex jirrelata dwar it-talba attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta.

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku (fol 100 et seq) li kienet mahlufa fl-udjenza tat-13 ta` Ottubru 2009 quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

Rat id-domandi (a fol 82 u 83) li l-attur nomine pprezenta ghall-eskussjoni tal-perit tekniku.

Rat ir-risposti (a fol 89 sa 95) tal-perit tekniku ghad-domandi in eskussjoni debitament konfermati minnu bil-gurament fl-udjenza tat-13 ta' Ottubru 2009 (fol 236).

Qieset it-twegibiet moghtija mill-perit tekniku ghad-domandi ulterjuri in eskussjoni li sarulu fl-udjenza tas-16 ta' Novembru 2009 (fol 239 sa 248).

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-attur nomine li kienet prezentata fil-25 ta' Jannar 2010 (fol 249 sa 258).

Rat in-nota responsiva tal-kumpannija konvenuta li kienet prezentata fil-11 ta' Marzu 2010 (fol 261 sa 264).

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-22 ta' April 2010 (fol 265) fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat :**

Jirrizulta li Mario Cilia (mandant tal-attur) ikkontratta mal-kumpannija konvenuta (minn issa 'l quddiem tissejjah "Hal Mann") sabiex tissupplixxi u tqieghed irham u madum fil-flat Nru.2, Porto Paolo, Triq Bordino, San Pawl il-Bahar. Skond l-attur nomine, Hal Mann accettat li tezegwixxi l-appalt skond pjanta jew disinn li hejja Saviour Camilleri fuq inkariku tal-attur nomine.

Il-kuntratt bejn il-partijiet sar bil-miktub (Dok.B datat 20 ta' Mejju 1998). Qieghed jinghad li in segwitu, wara talba mill-attur, inbidel xi tip ta' rham u ntalab xoghol addizzjonali. Il-ftehim ghal dan ix-xoghol addizzjonali ma sarx bil-miktub ghalkemm Hal Mann harget stima u pprovdiet disinn (Dok.C).

B`invoice separata (Dok.MV2) kien konsenjat ukoll materjal iehor li ma kienx inkluz fl-ordni tal-bidu.

Il-partijiet jaqblu li l-attur hallas b`kollox lil Hal Mann is-somma ta’ Lm 8000. L-ewwel pagament ta` Lm 3000 sar fl-20 ta’ Mejju 1998 u pagament iehor ta` Lm 5000 sar fit-**<u>13 ta’ Awissu 1998</u>**. Din id-data tal-ahhar qeghda tigi sottolineata minhabba l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art.2148(a) u (b) tal-Kap.16 li ressaq l-attur ghall-kontrotalba ta` Hal Mann fejn din talbet il-hlas tal-bilanc li tghid li kien ghadu dovut skond il-pattijiet li kellha mal-attur.

F`dan l-istadju din il-Qorti tghid li, ghalkemm hemm diskrepanza fil-fehma tal-partijiet dwar kemm jammonta l-*quantum* tal-bilanc li certament baqa` ma thallasx lil Hal Mann, l-attur jikkontendi fl-ewwel lok li m`ghandu jhallas xejn aktar milli diga` hallas, ghaliex Hal Mann ikkonsenjat madum li ma kienx tal-kwalita` patwita, kif ukoll li x-xoghol ta` tqeghid ma sarx skond kif titlob l-arti u s-sengha, u fit-tieni lok ghaliex, skond l-attur, kwalsiasi pretensjoni ghall-hlas tal-bilanc pretiz hija preskritta.

Fir-relazzjoni, hemm riferenza fidila ghall-provi orali u dokumentarji li ressqu l-partijiet. A skans ta` repetizzjoni, din il-Qorti qeghda taghmel riferenza ghalihom.

F`aktar dettall, ghax hekk il-kaz jimmerita, din il-Qorti tghid li, skond l-attur, it-tip ta` irham li nxtara minghand Hal Mann kien fuq parir tad-*designer* Saviour Camilleri.

Id-Dok DV1 hija l-pjanta tal-appartament li turi d-diversi kmamar b`emfasi fuq disinn li kellu jigi segwit u l-

materjali li kellhom jintuzaw fis-salott u pranzu, kcina, entrata u kuritur.

Abbazi tal-provi akkwiziti, jirrizulta li fl-20 ta` Mejju 1998, kien iffirmat kuntratt bejn il-partijiet (Dok B) fejn il-valur tax-xoghol kollox kompriz kien ta` Lm 9600.05. In segwitu, kif ikkonstata u afferma l-perit tekniku, wara talba mill-attur, inbidel xi tip ta` rham, kif ukoll Hal Mann kienet inkarikata mill-attur sabiex tikkonsenja materjal u tezegwixxi t-tqeghid fit-terrazzin ghall-valur ta` Lm 1101.51. (Dok C) Hal Mann ipprovdiet id-disinn ta` kif kellu jsir dan ix-xoghol.

F`dan l-istadju din il-Qorti tirrileva li, waqt l-*iter* tal-kawza, kien hemm skambju fitt ta` battuti, specjalment waqt l-eskussjoni tal-perit tekniku, dwar l-ezekuzzjoni tax-xoghol tat-terrazzin.

Kien konstatat li l-attur ordna wkoll il-konsenja ta` ucuh ghall-*cupboards* tal-kcina ghall-valur ta` Lm 1553.18 (Dok MV2)

Kien konstatat ukoll li, wara li nghazel il-materjal, l-attur biddel xi kwalitajiet ta` materjal fosthom il-kcina fejn il-pjanta tindika li l-paviment kellu jsir tat-tip *raw silk* u floku l-attur ghazel *crema olympia* f`kaz iehor flok *arabescato* sar *calacatta*. Kien hemm ukoll bdil fl-lwien tal-borduri li minflok ta` lewn ahdar saru lewn ahmar. Il-bdil ma kienx registrat fil-pjanta.

Tista` tghid li *kwazi* l-provi kollha tressqu quddiem il-perit tekniku. Din il-Qorti tghid "*kwazi*" ghaliex mal-bqija tal-provi li gabar il-perit tekniku, kien hemm ukoll id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, li kienu annessi mal-atti tal-bidu tal-kawza, id-dokumenti li kienu esebiti *in limine litis*, u t-twegibiet tal-perit tekniku in eskussjoni.

Quddiem il-perit tekniku, il-provi tal-attur nomine kienu x-xhieda *viva voce* ta` l-attur nomine, ta` Mario Cilia (il-mandant tal-attur), ta` Saviour Camilleri (l-*interior designer* inkarikat mill-attur nomine) u ta` l-Perit Paul Camilleri (li wkoll kien inkarikat mill-attur nomine). Is-sostanza ta` dak li xehdu dawn il-persuni jirrizulta riportat fir-relazzjoni peritali minn fol 109 sa 125.

Quddiem il-perit tekniku, il-provi ta` Hal Mann kienu x-xhieda *viva voce* ta` Martin Vella (direttur taghha), ta` Mark Vella (direttur iehor taghha), u ta' Patrick Farrugia (il-persuna li kienet inkarikata minn Hal Mann biex tqieghed ix-xoghol). Is-sostanza ta` dak li xehdu dawn il-persuni jirrizulta riportat fir-relazzjoni peritali minn fol 125 sa 134.

Il-partijiet ressqu ukoll dokumenti bhala prova tal-istanzi rispettivi.

L-attur ilmenta li fil-kuritur tal-fond in kwistjoni l-irham ma tpoggiex skond id-disinn.

Ferma u nkondizzjonata kienet il-fehma tal-perit tekniku dwar ix-xhieda ta` Saviour Camilleri. Ghar-raguni li indika a fol 138 u 139 tar-relazzjoni, il-perit tekniku qies il-kontradizzjonijiet li hargu mix-xhieda ta` dak ix-xhud bhala indikattivi ta` xhud mhux kredibbli.

Sahansitra l-perit tekniku jsostni li *deher ferm evidenti li l-mod kif ix-xhud jghid mod u darb`ohra jghid mod iehor ma kien xejn ghajr tentattiv biex jahrab mir-responsabilita`.*

Il-perit tekniku kkonkluda hekk –

*Ghar-rigward ta` nuqqas ta` konformita` bejn id-disinn li kien jifforma parti mill-kuntratt originali bejn il-partijiet, u l-mod kif gew ezegwiti x-xogholijiet fil-post, l-esponenti hu tal-opinjoni li s-socjeta` konvenuta m`ghandhiex tinzamm responsabbli ghal dawn in-nuqqasijiet.*

Skond Hal Mann, ghalkemm ix-xoghol fit-terrazzin ma sarx skond id-disinn, kien xorta accettabbli.

Skond David Cilia, id-difetti lamentati minnhom kienu jikkonsistu fil-fatt li fil-flat kollu certu rham kellu xfarijiet mhux uniti, fl-art tal-kcina kien hemm dbajja u rham qisu maqsum u nkollat, il-qlib tal-ilma fit-terrazzin ma sarx skond is-sengha u l-arti ghax kien izomm ghadajjar ta` l-ilma, bil-fili mhux uniti u dritti, u bil-grouting difettuz ghax kien aktar baxx mil-livell tal-wicc tal-madum kif ukoll d-disinn tat-terrazzin kien ivarja mid-disinn tal-istess kumpannija konvenuta.

Mark Vella ta` Hal Mann jaccetta li certa difetti fix-xfarijiet tal-irham riskontrati anke mill-perit tekniku kienu dovuti ghaliex is-sega li taqta` l-irham kien waslet biex tinbidel u ghax ma nbidlitx fil-pront hargu d-difetti. Ghall-bqija kollox sar sewwa.

Dwar it-terrazzin, l-ufficjali tal-kumpannija accettaw li ma sarx skond id-disinn taghhom.

Dwar l-ilmenti tal-attur, il-perit tekniku jirrelata hekk a fol 143 –

*Illi m`hemmx dubbju li x`uhud mill-ilmenti mressqa huma gustifikati. Hekk per ezempju hu evidenti li f`xi partijiet, l-irham ghandu x-xfarijiet, anke jew* (recte – “jekk”) *minimament, mgiddma, bil-konsegwenza li meta nghata l-grouting dawn ix-xfarijiet jimtlew bil-grouting u*

*jaghtu dehra xejn unita bejn il-fili Dok VEC1 sa Dok VEC9 ...*

*... fir-rapport rilaxxjat mill-Perit Camilleri, ma jsemmi xejn dwar il-linja mad-dawra ta` l-irham li skond l-attur David Cilia, Mark Vella ghas-socjeta` konvenuta ta bhala raguni " ... li l-fili huma bojod fiux-xfarijiet u mtajjrin kien dovut minhabba li s-sega kienet waslet biex tinbidel u nbidlitx, u allura qiesa harget l-irham ..."*

*Illi ghalhekk l-allegat difett dwar il-linja mad-dawra tal-madum ta` l-irham ghandha tigi skartata.*

*Illi l-istess jista` jinghad ghat-tozzetti, u cioe` irham kuluri ta` qisien zghir li jigu inseriti bejn irham iehor biex jinholoq disinn, dawn jirrizulta li ma nghatawx l-attenzjoni rikjesta fl-uniformita` partikolarment tal-fili, u xfarijiet mtajjrin, u jaghtu dehra ta` nuqqas ta` professjonalita` fit-tqeghid tax-xoghol.*

Dwar ix-xogholijiet li allegatament ma sarux skond l-arti u s-sengha, il-perit tekniku jikkonkludi hekk a fol 147 –

*Illi mix-xhieda prodotta jirrizulta li s-socjeta` konvenuta accettat li xi xogholijiet partikolarment fir-rigward tat-titjir fil-bordura u x-xfarijiet ta` l-irham, ghalkemm s-socjeta` konvenuta cahdet li huma qatt accettaw li x-xoghol kien tqieghed hazin, u li dwar dawn l-ilmenti partikolari s-socjeta` konvenuta kienet qablet li ghandha tirranga dawn ix-xogholijiet, izda eventwalment tniedew il-proceduri.*

*Illi ghalhekk filwaqt li kif inghad hemm xogholijiet li ma lahqux il-livell rikjest skond in-normi tax-xogholijiet, sta ghas-socjeta` konvenuta tridx tirrimedja dawn ix-xogholijiet kif qieghed jitlob l-attur, jew inkella ssofri d-danni li jigu kwantifikati.*

Din il-Qorti diga` rrilevat li dwar il-bilanc tal-hlas pretiz minn Hal Mann, <u>bla pregudizzju</u> ghall-kwistjoni tal-

pretizi attrici dwar konsenji mhux skond il-kwalita` patwita u xoghol hazin, hemm minn naha wahda diskrepanza fis-sens li l-attur qieghed ighid li l-bilanc jammonta ghal Lm 2,701.56c waqt li Hal Mann qeghda tghid li l-ammont favur taghha jammonta ghal Lm 4,921.98c.

Wara li l-perit tekniku ghamel serje ta` konteggi, huwa sab li l-ammont pretiz minn Hal Mann huwa dak korrett.

**Ikkunsidrat :**

Din il-Qorti tghid li konsiderazzjonijiet u konsegwenti konkluzjonijiet ta' natura teknika ta' perit mahtur mill-Qorti bhal dawk li saru fil-kaz tal-lum jikkostitwixxu prova ferm importanti ghall-gudikant biex ikun jista' jasal ghad-decizjoni tieghu.

Dwar il-konkluzjonijiet ta' espert tekniku, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tad-19 ta' Novembru 2001 fil-kawza **"Calleja vs Mifsud"** irriteniet li -

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setghax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni*

*jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika.*

Dan l-insenjament huwa rilevanti u japplika ghall-kaz tal-lum. Ghalkemm ir-relazzjoni tal-perit tekniku kienet *grosso modo* sfavorevoli ghall-attur, dan ghazel li ma jressaqx talba ghall-hatra ta' periti teknici addizzjonali u llimita ruhu li fl-ewwel lok jeskuti lill-perit tekniku u fit-tieni lok iressaq sottomissjonijiet bil-miktub.

Fis-sentenza taghha moghtija fil-25 ta' Settembru 2003 fil-kawza "**<u>Grech et vs Grech et</u>" –** din il-Qorti diversament presjeduta rriteniet –

*Bil-ligi u b'harsien tal-massima dictum "expertorum numquam transit in rem judicatam" il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit mahtur minnha kontra l-konvinciment taghha nfisha. Imma l-fehmiet ta' perit mahtur minn qorti u maghmula f'rapport imressaq minnu m'humiex semplicement opinjonijiet izda jikkostitwixxu prova ta' fatt, specjalment f'oqsma fejn il-hatra tkun dwar hwejjeg teknici. Fehmiet bhal dawk m'ghandhomx, l-aktar fejn parti ma tkunx irrikorriet ghall-hatra ta' periti addizzjonali, tigi mwarrba kif gieb u lahaq, sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi, irragonevoli.* (ara wkoll – **"<u>Bugeja et vs Muscat</u>"** – Appell Kummercjali – 23 ta' Gunju 1967).

Ir-rigett minn qorti ta` l-opinjonijiet ta` perit tekniku ma jistax isir *b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha* (u cioe` ta` loti) *trid tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b`ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami* ("**<u>Grima vs Mamo et noe</u>" –** Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998)**.**

Ghalhekk ‘in fin’ `dei conti` *qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kenetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.* (“**Cauchi vs Mercieca” –** Qorti tal-Appell – 6 ta’ Ottubru 1999 **; “Saliba vs Farrugia**” – Qorti tal-Appell – 28 ta’ Jannar 2000 u “**Calleja noe vs Mifsud**” – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).

Din il-Qorti tghid li l-mertu tal-kawza tal-lum huwa principalment impernjat fuq konsiderazzjonijiet teknici, u mhux biss fuq apprezzament tal-provi prodotti f’kuntest legali. In partikolari, sabiex hejja r-rapport tieghu, il-perit tekniku acceda ghal darba, darbtejn fl-ambjenti fejn saru x-xogholijiet mill-kumpannija konvenuta u kkonstata l-istess xogholijiet. Il-perit tekniku fisser fid-dettall ir-ragunijiet li wasslu ghall-konkluzjonijiet tieghu. Din il-Qorti tqis ragonevoli u ben sostnuti l-osservazzjonijiet tal-perit tekniku u l-konkluzjonijiet tieghu. Ghaldaqstant, anke wara li tat il-konsiderazzjoni dovuta lis-sottomissjonijiet tal-partijiet, din il-Qorti ma ssibx ragunijiet fondati ghaliex ghandha tiddiskosta ruhha mill-konkluzjonijiet peritali. Ghalhekk tghid li dawk il-konkluzjonijiet jimmeritaw li jkunu ben akkolti anke ghaliex kif qalet il-Qorti tal-Appell fid-9 ta’ Frar 2001 fil-kawza **“Camilleri noe vs Debattista” -** *ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika. Dan mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenament jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-mertu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b’mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkun wasal ghalih l-espert nominat minnu.*

**Ikkunsidrat** :

In-natura tal-kuntratt ta' appalt kienet trattata fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' April 1968 fil-kawza **"Busuttil vs Fedele et"** fejn *inter alia* kienet citata s-sentenza ta' l-Qorti tal-Kummerc li kienet inghatat fid-9 ta' Marzu 1939 fil-kawza **"Micallef vs Mamo et noe"** (Vol.XXX.III.433).

Fis-sentenza "**Busuttil vs Fedele et**", il-Qorti qalet hekk –

*... il-kuntratt ta' appalt huwa kuntratt bilaterali u dejjem soggett ghal patt kommissorju tacitu. Konsegwentement meta d-difetti fl-ezekuzzjoni jkunu ppruvati, il-kriterju essenzjali tad-decizjoni tinsab fl-ezami jekk ix-xoghol ikunx affett jew le minn vizzji sostanzjali. Dawn huma dawk id-difetti, imsejhin ukoll essenzjali, li jipprivaw il-haga mill-iskop jew mill-utilita' taghhom b'mod li ma tibqax tikkorrispondi mad-destinazzjoni proposta mill-kommittent u ndikata min-natura stess tax-xoghol waqt li l-ohrajn kollha ghandhom jigu ritenuti mhux essenzjali. Meta d-difetti jkunu essenzjali, l-kommittent ghandu d-dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt minhabba l-inadempjenza. Meta ghal kuntrarju d-difett ma jkunx sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jigi ritenut inadempjenti pero` jibqa` obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni.*

Din is-sentenza kienet segwita mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Kummerc) tat-22 ta' Gunju 1994 fil-kawza **"Bonnici noe vs Sammut"**.

Meta tinqala` tilwima dwar appalt, tnejn huma generalment il-kwistjonijiet li qorti ghandha tikkunsidra -

(1) jekk l-ezekuzzjoni tax-xogholijiet kommissjonati saritx skond l-ispecifikazzjonijiet u l-pattijiet l-ohra stipulati bejn il-kontraenti ; u

(2) jekk l-ezekuzzjoni u l-prodott finali kienx konformi mar-regoli ta’ l-arti u tas-sengha.

Il-gurisprudenza hija konkordi fl-affermazzjoni li l-appaltatur mhux biss ghandu jezegwixxi x-xoghol mertu tal-appalt, izda ghandu jassikura wkoll li dak ix-xoghol ikun jiswa kemm ghal dik li hija bonta` kif ukoll ghal dik li hija adattabilita` ghall-uzu li ghalihom l-appaltant ikun ippjazza l-ordni.

Din il-Qorti jidhrilha li ghandha tikkonferma, u fl-istess waqt taghmel taghha, il-principji ta` dritt li jirregolaw l-appalt, u li sintesi akkurata taghhom hija migbura fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza “**Darmanin vs Agius”** li kienet deciza fid-9 ta` Ottubru 2004.

Hemm inghad hekk -

*Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b’mod li `l quddiem juri difetti. L’imprenditore ha l’obbligo di eseguire bene l’opera commessagli, secondo i dettami dell’arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria” (**Kollez Vol.XXVII.I.373**). Dan fis-sens li hu “ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu” (**Kollez Vol XL.I.485**).*

*It-tieni principju jghid illi “l-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta’ l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina” (**Kollez. Vol XXXVII.III.883**). Ghax kif jinsab ritenut ukoll “f’kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol, jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu `l quddiem” (**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe**”, Appell Kummercjali, 27 ta’ Marzu*

*1972). Dan hu hekk avvolja jkunx hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (**Kollez. Vol XLI.I.667**) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent.*

Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti tghid, b`riferenza ghat-talbiet attrici li, almenu abbazi ta` dak li rrelata l-perit tekniku, irrizulta li mhux ix-xoghol kollu mertu tal-appalt kien ezegwit kif titlob is-sengha u l-arti, u ghalhekk din il-Qorti tghid, din id-darba b`riferenza ghar-rikonvenzjoni tal-kumpannija konvenuta, li qabel ma ssir ir-rettifika tax-xoghol li ma sarx tajjeb, ghax hekk talab l-attur nomine, il-kumpannija konvenuta ma tistax tistenna li tithallas il-bilanc ta` dak qeghda tghid li ghadu dovut lilha.

Hija pacifika l-gurisprudenza li tirritjeni illi "*jekk ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' appalt ma jkunx kollu lest, jew ma jkunx kollu esegwit skond is-sengha, l-appaltatur mhux intitolat jippretendi l-hlas tal-prezz stipulat in konsiderazzjoni ta' dak ix-xoghol, ghax meta x-xoghol li ghalih gie pattwit prezz determinat ma jkunx kollu lest, l-appaltatur ma jistax jitlob il-hlas, la kollu u lanqas parti minnu*" ("**Pisani -vs- Debattista**", Prim' Awla, Qorti Civili, 8 ta' Mejju, 1958 ; "**Portelli -vs- Ritchie**", Prim' Awla, Qorti Civili, 21 ta' Marzu, 1960 ; "**Calleja -vs- Cavallo**", Prim' Awla, Qorti Civili, 14 ta' Frar, 1963)

In aggjunta ghandu jinghad li dak l-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta` l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina propju (ara l-Art.1069[2] tal-Kap.16) ghaliex huwa jitqies in kolpa minhabba l-inadempiment ta` obbligazzjoni kontrattwali. Naturalment l-*onus* tal-prova ta` danni tibqa` tispetta lil din jallega li garrab danni u dan in linea mar-regola generali. ,

Dwar il-kwistjoni tad-danni, din il-Qorti zzid tirrileva li fis-sistema legali taghna *hu rikonoxxut lill-gudikant…il-*

*poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propozitu decizjoni a Vol. XXXV P III p 615 fejn gie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni illi "vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, è rimesso al magistrato il valutare 'ex aequo et bono' secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l'ammontare del danno al risacrimento del quale taluno fu condannato"* ("**Camilleri et v. The Cargo Handling Co. Ltd**" - Prim Awla tal-Qorti Civili - 13 ta' Ottubru 2004).

Applikat il-premess ghall-kaz tal-lum, huwa evidenti, mill-mod kif imposta l-azzjoni tieghu, li l-attur mhux qed ighid li l-vizzji tat-twettieq tal-appalt kienu sostanzjali tant li ma talabx ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt, bil-konsegwenzi li talba ta` dik ix-xorta kienet timporta. L-attur fir-realta` qieghed iqis id-difetti bhala mhux sostanzjali tant li ghazel li jitlob li l-kumpannija konvenuta tirrimedja ghad-difetti taghha, in alternativa ghal riduzzjoni fil-prezz tal-appalt. Ghal din il-Qorti dan ifisser li jekk sejra taccetta li kien hemm difetti mhux sostanzjali fit-twettieq tal-appalt u allura jkollha tordna azzjoni rimedjali, kif *del resto* talab l-attur stess, u fil-kaz li jkun jirrizulta li t-talba ghall-hlas tal-bilanc pretiz mill-kumpannija konvenuta mhijiex preskritta, allura din il-Qorti bir-ragun ikollha kull dritt tivvaluta x-xogholijiet rimedjali, tnaqqashom mill-ammont bilancjali dovut lill-kumpannija konvenuta u f`dak il-kaz tordna li l-ammont bilancjali finali jithallas lill-kumpannija konvenuta.

**Ikkunsidrat :**

**In vista tal-konsiderazzjonijiet tal-paragrafu precedenti, din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tqis l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-attur ghall-kontrotalba tal-kumpannija konvenuta.**

Il-preskrizzjoni eccepita hija skond **<u>is-subincizi (a) u (b) ta` l-Art.2148 tal-Kap.16</u>**.

**<u>L-Art.2148 tal-Kap.16</u>** ighid liema azzjonijiet jaqghu bi preskrizzjoni ta` tmintax (18) –il xahar.

Fosthom hemm is-**<u>subinciz (a)</u>** li jaqra hekk -

*l-azzjonijiet … ta` persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta` l-opri jew tax-xogholijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu.*

U s-**<u>subinciz (b)</u>** li jaqra hekk –

*l-azzjonijiet ta` kredituri ghall-prezz ta` merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut.*

L-Art.2148(a) jirreferi ghall-krediti ta' artefici li jipprestaw l-opera taghhom u mhux ghall-appaltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew (**Kollezz. Vol XLI.I.347**).

Il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni skond l-Art. 2148(b) tghodd ghall-krediti ta' merkanzija mibjugha bl-imnut ossia bid-dettal. Fis-sentenza moghtija fis-26 ta' Mejju 1967 fil-kawza **"<u>Micallef pro et noe v Mercieca</u>"** il-Qorti tal-Appell iccitat dak li kien inghad fir-rigward, u generalment accettat f`decizjonijiet ta` wara, mill-Imhallef Paolo Debono fis-sentenza "**Attard vs Refalo"** (Kollezz. Vol. XIII.294):

*La legge non definisce i relativi concetti del grande o del piccolo commercio, del commercio all'ingrosso e del commercio al minuto, ma, secondo la dottrina, il criterio direttivo per distinguere il grossista dal dettagliatore e` che il primo vende per lo piu` a coloro i quail commerciano della cosa comprata mentre il secondo*

*vende per lo piu` ai consumatori e in piccole quantita` misurate dal bisogno di costoro.*

Din il-Qorti tara li l-kaz tal-lum huwa regolat mill-Art.1633 et seq tal-Kap.16 li jittratta l-kuntratt ta' "*locatio operis*".

Kif spjegat il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha li tinsab riportata fil-**Kollezz. Vol. XLII P III p 1151**, il-preskrizzjoni stabbilita fl-Art.2148 (a) tapplika ghal krediti ta' artifici li jipprestaw l-opra taghhom. Waqt li l-Art.2148(b) japplika ghall-kaz ta' semplici fornitura ta' materjal minn min **ma jkunx ukoll** l-appaltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjali jkunu servew (ara – "**Formosa *et* vs Borg *pro et noe***" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 1997).

Fid-decizjoni riportata fil-**Kollezz. Vol. XXXVIII P III p 710** jinghad hekk –

*Il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar li tolqot l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapan, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentiera, arluggara, u persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri taghhom jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu, tirriferixxi ghal-lokazzjoni ta' opera li biha dawk il-persuni jkunu obbligaw ruhhom li jaghtu x-xoghol taghhom, u mhux ghal-locatio operis li biha l-imprenditur jobbliga ruhu li jaghti, mhux ix-xoghol, izda l-prodott tax-xoghol - meta l-lokazzjoni d' opera tkun konnessa ma' organizzazzjoni ta' mezzi teknici li timprimi lil-lokazzjoni l-karattru ta' att oggettivament kummercjali.*

Il-Qorti tara li l-fattispeci ta' l-kaz tal-lum jinkwadraw ruhhom fil-kuntest tas-**subinciz (a)** ta' l-Art. 2148.

**<u>Qeghda ghalhekk tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art.2148(b) tal-Kap.16 ghax ma tapplikax ghall-kaz tal-lum</u>**.

In kwantu ghall-fondatezza o meno tal-eccezzjoni skond l-Art.2148(a), din il-Qorti tghid li mill-atti jirrizulta li l-kontrotalba kienet prezentata fl-**<u>4 ta` Frar 2000</u>** u l-ahhar pagament li ghamel l-attur a favur tal-kumpannija konvenuta sar fit-**<u>13 ta` Awissu 1998</u>**. Abbazi ta` dawn iz-zewg fatti **<u>wahedhom</u>**, il-preskrizzjoni tat-18-il xahar ma tistax tregi. Fi kwalunkwe kaz, jigi rilevat li fil-kontrotalba jinghad li fl-**<u>14 ta` Jannar 2000</u>** il-kumpannija konvenuta pprezentat ittra ufficjali kontra l-attur. Dan l-att gudizzjarju ma kienx esebit, ghalkemm il-presentata ta` dan l-att ma kienx kontestat mill-attur.

**<u>Din il-Qorti qeghda ghalhekk tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art.2148(a) tal-Kap.16 ghax ma tirrizultax.</u>**
**Ikkunsidrat :**

Abbazi tar-relazzjoni peritali, wiehed jikkonkludi li l-perit tekniku sab li xi aspetti mill-ezekuzzjoni tal-appalt ma sarux kif titlob l-arti u s-sengha.

A fol 143 il-perit tekniku jghid hekk –

… *hu evidenti li f'xi partijiet l-irham ghandu x-xfarijiet, anke jekk minimament, mgiddma, bil-konsegwenza li meta nghata l-grouting, dawn ix-xfarijiet jimtlew bil-grouting u jaghtu dehra xejn unita bejn il-fili (Dok VEC1 sa VEC9) …*

… *l-istess jista` jinghad ghat-tozzetti, u cioe` l-irham kulurit ta` qisien zghir li jigu inseriti bejn irham iehor biex jinholoq disinn. Dawn jirrizulta li ma nghatawx l-*

*attenzjoni rikjesta fl-uniformita` partikolarment tal-fili, u xfarijiet mtajjrin, u jaghtu dehra ta` nuqqas ta` professjonalita fit-tqeghdin tax-xoghol.*

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta bhala fatt li wara li kien prezentat u mahluf ir-rapport peritali, ma saret l-ebda talba mill-partijiet ghall-hatra ta` periti addizzjonali. Saret biss eskussjoni tal-perit tekniku segwita mill-presentata ta` noti ta` osservazzjonijiet.

Wara li qieset il-konkluzjonijiet peritali u t-twegibiet tal-perit tekniku in eskussjoni, din il-Qorti ma ssibx li ghandha ghalfejn tiddiskosta ruhha mill-accertamenti teknici u fattwali tal-perit. Ghalhekk din il-Qorti sejra toqghod fuq l-accertamenti u l-konkluzjonijiet tieghu.

In kwantu ghall-pretensjoni tal-attur nomine ghal risarciment ta` danni kif dedotta fir-raba` u l-hames talbiet tieghu, din il-Qorti fliet b`reqqa l-atti processwali u ma sabet l-ebda prova ta` danni attwalment subiti mill-attur nomine. Ghalhekk ir-raba` u l-hames talbiet attrici qeghdin jigi respinti.

In kwantu ghall-kontrotalba tal-kumpannija konvenuta, din il-Qorti qeghda tirriserva li tipprovdi finalment dwarha fi stadju ulterjuri wara t-tlestija tax-xogholijiet rimedjali ghar-ragunijiet diga` moghtija.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi hekk –**

**1) Tilqa` t-tieni eccezzjoni tal-kumpannija konvenuta fejn kienet kontestata l-pretensjoni attrici li l-materjal li kkonsenjat ma kienx tal-kwalita` patwita.**

**2) Tichad *in parte* l-bqija tal-istess eccezzjoni fejn kienet kontestata l-pretensjoni attrici li l-appalt ma kienx ezegwit skond l-arti u s-sengha stante li xi aspetti mit-twettieq tal-appalt irrizulta li attwalment ma sarux kif titlob l-arti u s-sengha.**

**3) Tilqa` l-ewwel talba attrici limitatament billi tichadha fejn dik it-talba tittratta l-pretensjoni li l-madum konsenjat ma kienx tal-kwalita` pattwita, u tilqaghha *in parte* fejn kien pretiz l-appalt ma giex esegwit skond l-arti u s-sengha.**

**4) Tilqa` t-tieni talba attrici u tordna lill-kumpannija konvenuta sabiex, sa zmien xahrejn mil-lum, tirrimedja ghax-xoghol li ma kienx ezegwit skond l-arti u s-sengha, u li jinsab indikat u mfisser f`dik il-parti tar-relazzjoni peritali li tinsab a fol 143 tal-process, liema xoghol rimedjali ghandu jsir skond id-direzzjoni u taht is-sorveljanza ta` l-perit tekniku Vincent Ciliberti li qieghed jinhatar specifikament ghal dan l-iskop.**

**5) Tilqa` t-tielet talba attrici u tordna li jekk il-kumpannija konvenuta tonqos milli tottempera ruhha mal-ordni taghha fuq riferita fit-terminu lilha prefiss, l-attur nomine ikun minn issa awtorizzat jaghmel hu x-xogholijiet rimedjali fuq riferiti, a spejjes tal-kumpannija konvenuta, skond id-direzzjoni u taht is-sorveljanza ta` l-perit tekniku Vincent Ciliberti li qieghed jinhatar specifikament ghal dan l-iskop.**

**6) Tinkarika lill-istess perit tekniku sabiex sa mhux aktar tard minn hmistax-il jum qabel ma jsir ix-xoghol rimedjali, kemm jekk dak ix-xoghol isir mill-kumpannija konvenuta in linea mal-akkoljiment tat-tieni talba, kemm jekk isir mill-attur nomine in linea mal-akkoljiment tat-tielet talba, huwa jivvaluta l-prezz tax-xoghol rimedjali, u jipprezenta fir-Registru ta` din**

**il-Qorti l-valutazzjoni tieghu, permezz ta` nota mahlufa, sabiex taghmel parti mill-atti ta` din il-kawza.**

**7) Tichad ir-raba` u l-hames talbiet attrici, spejjez ghall-attur nomine.**

**8) Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-attur nomine ghall-kontrotalba tal-kumpannija konvenuta skond is-subincizi (a) ta` l-Art.2148 tal-Kap.16, spejjez ghall-attur nomine.**

**9) Tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-attur nomine ghall-kontrotalba tal-kumpannija konvenuta skond is-subincizi (b) ta` l-Art.2148 tal-Kap.16 spejjez ghall-attur nomine.**

**10) Tordna li l-ispejjez tal-ewwel tliet talbiet attrici u l-ispejjez tat-tieni eccezzjoni tal-kumpannija konvenuta ghandhom jithallsu in kwantu ghal nofs mill-attur nomine u in kwantu ghan-nofs l-iehor mill-kumpannija konvenuta.**

**Tiddifferixxi l-kawza ghall-udjenza ta’ nhar it-Tnejn 3 ta` Ottubru 2011 fid-9.00 a.m. ghall-ezami tan-nota mahlufa tal-perit tekniku Vincent Ciliberti u ghat-trattazzjoni finali dwar il-kontrotalba tal-kumpannija konvenuta.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------